MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

08 ta' Novembru 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti u l-Laqgħa bdiet fil-ħin.

## 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

46.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

46.2.1 Il-minuti ġew approvati .

## 46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

46.3.1 Sistema Ġbir Organiku – Hemm il-pożittiv u n-negattiv, Ħ'Attard mhux ħażin. Għalkemm wieħed jara boroż suwed il-ġbir organiku huwa pjuttost andanti. Is-Sur Cordina rringrazzja l-AKL tal-istqarrija minħabba li l-ewwel ġimgħa kienet ġimgħa tal-biża' fejn l-istaff kollu kien qisu *tape recorder.* Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li ħa jitqassmu sett bins oħra minn Ta' Qali. Dawn żgur mhux sa jkun possibbli li jitqassmu minn ġol-Kunsill minħabba li goffi.

46.3.2 Il-Kunsill kellu viżita ta' korteżija mill-Aġent Ambaxxatur Shapiro. Kienet viżita kordjali ħafna u l-Ambaxxatur wera x-xewqa u ppropona ġemellaġġ ma' lokalita' Amerikana. Għandu jikkorrispondi lura fuq din il-proposta mill-aktar fis possibli.

## 46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

46.4.1 Is-Sur Alfred Zammit talab:

- Biex jittella' l-ħajt ta' dak il-plot fi Triq il-Pitkali. Is-Sur Spiteri qal li kif ġa ntqal il-Kunsill marbut mad-Data Protection. Li kieku seta' sar xi ħaġa mill-Kunsill sar żgur. Hu qal li l-istess sitwazzjoni tinsab ftit il-ġewwa minn Scotts.

46.4.2 Is-Sinjur Ralph Cassar rrimarka fuq:

- Li s-siġar jinqalgħu bil-galbu sabiex ma ssirx ħsara lill-*embankment*.
- is-sinjali tat-traffiku bdew jiffejdjaw u għandhom bżonn idurhuhom.
- li l-kuntrattur beda jħawwel is-siġar u minn dawk li ħawwel ġa nsterqu tlieta.

46.4.3 Is-Sur Alex Mangion saqsa:

- Fuq is-siġra fi Triq Victor Vassallo. Din għandha tinqala' fil-ġranet li ġejjin.

46.4.4 Is-Sinjura Marisa Abela saqsiet:

- Fuq is-*centre strip* fi Triq l-Għenba li saret perikoluża ħafna biex toħrog u ddur il-fuq għax jipparkjaw magħha. Is-Sur Cordina qal li ħa jsiru bollards u *signage* adattat.

46.4.5 Is-Sinjura Connie Scerri qalet li :

- Triq Birkirkara nadfu u għattew kollox imma xorta għad hemm xi jsir.

46.4.6 Is-Sur Raymond Azzopardi talab li:

- Jsir id-dawl maż-żebra crossing fi Triq Victor Vassallo

46.4.7 Is-Sur John Debono saqsa:

- Fuq is-*centre strip* fi Triq il-Ferrovija jekk hux ħa jinżergħu xi siġar. Is-Sur Cassar qal li mhux possibli minħabba li kien hemm problema u mhux fonda biżżejjed.

## 46.5 Jum Ħ'Attard, Ġieħ H'Attard update

46.5.1 Is-Sindku talab sospensjoni sabiex jitkellem fuq in-nominati għall-Ġieħ Ħ'Attard fil-privat minħabba li ma setgħatx tiġi magħrufa minn qabel l-għażla tar-rebbieħ. Wara li saret diskussjoni, intagħżel ir-rebbieħ skont ir-rapport anness imħejji minn Bord indipendenti.

## 46.6 Approvazzjoni Rapport tal-Kwart tas-Sena Lulju – Settembru 2018

46.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni r-rapport tal-Kwart tas-sena Lulju – Settembru 2018. Dan ir-rapport ġie approvat.

## 46.7 Rapporti

46.7.1 Ma kienx hemm iktar rapporti

## 46.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

46.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi approvat ir-rapport imħejji mit-tliet periti rigward il-proġett il-Vapur tal-Art. Dan ir-rapport t'evalwazzjoni jagħti parir lill-Kunsill sabiex it-tender in kwistjoni tingħata lill-Camray Limited għax l-ispiża sottomessa ta' € 195,359.00 li kienet l-irħas offerta wara li t-tender u d-dokumentazzjoni kollha sottomessi ġew miflija skrupulużament. Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata lil Camray Limited. Ir-restawr għandu jibda bit-tneħħija ta' siġar f'Diċembru u wara f'Jannar ix-xogħol jibda b'ritmu mgħaġġel.

46.8.2 E-mail mingħand kumpanija People and Business Platform Limited sabiex nies interessati f'ċertu tip ta' xogħolijiet ikunu jistgħu jiġu l-uffiċċju mgħejjuna biex jimlew CV. Il-Kunsill ma tantx wera xewqa li dan isir waħda minħabba c-cokon tal-Uffiċċini u l-privatezza tal-kandidati. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tara eżatt jekk dan iseħħ xi jkun jinkorpora eżatt minhabba l-ħinijiet fit-tul u l-fatt li s-Sala tintuża wkoll mill -Assistant Principal u l-ħaddiema.

46.8.3 E-mail mingħand Oscar Borg fuq applikazzjoni sabiex tinfetaħ triq biswit l-akwadot. Il-Kunsill qabel li din m'għandhiex tinfetaħ għax tista' ssir ħsara fuq dan il-wirt storiku. Il-Perit għandu jiġi nfurmat. Is-Sur John Debono ħalla l-kamra (6.36pm)

46.8.4 Se ssir is-soltu kompetizzjoni għall-isbaħ kartolina tal-Milied. Ġie suġġerit li ssir kompetizzjoni oħra għall-isbaħ gallarija wkoll. Kulħadd qabel.

## 46.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

46.9.1 Approvati wara li saru mistoqsijiet mis-Sur Zammit fuq il-pagi tas-Sinjuri Sammut u Fsadni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-pagi fihom l-*overtime* tax-xogħol li sar fuq ir-rassenja tal-Monti, kif ukoll is-Sibtijiet kollha sa Novembru fejn tidħol il-paga tas-Sinjura Fsadni. Is-Sur Zammit saqsa wkoll min hi Elaine Gauci u ġie spjegat li din is-Sinjura tieħu ħsieb it-tindif tal-Uffiċċju.

## 46.10 Mozzjonijiet; u

46.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 46.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

46.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għall-10 ta' Diċembru 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 10 ta' Diċembru 2018.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv